# It-Tieni Ħadd tal-Għid

## Qari I

*Qalb waħda u ruħ waħda.*

Atti 4, 32-35

**Qari mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli**

32 Il-kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda.
Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda
kellhom kollox flimkien.

33 B'qawwa kbira l-appostli kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej
Ġesù, u kulħadd kien iġibhom ħafna.

34 Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma
jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom 35 kien imur
iqegħedhom f'riġlejn l-appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox
skont il-ħtieġa ta' kull wieħed.

**Il-Kelma tal-Mulej**
℟. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 117 (118), 2-4.16ab-18.22-24

R/. (1): Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb,
għax it-tjieba tiegħu għal dejjem!

*jew*

R/. Hallelujah, Hallelujah, Hallelujah

2Ħa jgħidu wlied Iżrael: «Għal dejjem it-tjieba tiegħu.»
3Ħa tgħid dar Aron:
«Għal dejjem it-tjieba tiegħu.»
4Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej:
«Għal dejjem it-tjieba tiegħu.» R/.

16Il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa,
il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila.
17Ma mmutx, imma nibqa' ngħix,
u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej.
18Ħaqarni tassew il-Mulej,
iżda ma telaqnix għall-mewt. R/.

22Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka.
23Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan:
ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna.
24Dan hu l-jum li għamel il-Mulej;
ħa nifirħu u nithennew fih! R/.

# Qari II

*Kull min hu mwieled minn Alla jirbaħ lid-dinja*

1 Ġw 5, 1-6

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Ġwann Appostlu**

Għeżież, 1kull min jemmen li Ġesù hu l-Messija hu mwieled minn
Alla, u kull min iħobb lill-Missier iħobb lil min twieled minnu. 2Minn
dan nafu li nħobbu lil ulied Alla, meta nħobbu 'l Alla u nagħmlu
l-kmandamenti tiegħu. 3Għax din hi l-imħabba ta' Alla, li nżommu
l-kmandamenti tiegħu; u l-kmandamenti tiegħu mhumiex tqal; 4għax
kull min hu mwieled minn Alla jegħleb lid-dinja. Din hi r-rebħa fuq
id-dinja: il-fidi tagħna.

5Għax min hu dak li jegħleb lid-dinja, jekk mhux min jemmen li Ġesù
hu l-Iben ta' Alla? 6Dan huwa dak li ġie bl-ilma u d-demm, Ġesù
Kristu; mhux bl-ilma biss, iżda bl-ilma u d-demm. U l-Ispirtu hu li
jixhed, għax l-Ispirtu hu l-verità.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 20, 29

Hallelujah. R/. Hallelujah
Tumas, emmint għax rajtni, jgħid il-Mulej;
henjin dawk li ma rawx u emmnu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Tmint ijiem wara ġie Ġesù.*

Ġw 20, 19-31

## ✠ Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann

19 Dakinhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli
kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù
u qagħad f'nofshom; u qalilhom: «Is-sliem għalikom!» 20 Kif qal
hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.
21 Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: «Is-sliem għalikom! Kif il-Missier
bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom.» 22 Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u
qalilhom: «Ħudu l-Ispirtu s-Santu. 23 Dawk li taħfrulhom dnubiethom
ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma.»

24 Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom
meta ġie Ġesù. 25 Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: «Rajna
lill-Mulej.» Iżda hu qalilhom: «Jekk ma narax f'idejh il-marka
tal-imsiemer u ma nqiegħedx sebgħi fuq il-marka tal-imsiemer u idi
fuq ġenbu, jien ma nemminx.» 26 Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu
kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-bibien kienu magħluqa, imma
Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: «Is-sliem għalikom!»
27 Imbagħad qal lil Tumas: «Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq
idek u qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen.»
28 Wieġeb Tumas u qallu: «Mulej tiegħi u Alla tiegħi!» 29 Qallu Ġesù:
«Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu.»

30 Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu
u li mhumiex imniżżla f'dan il-ktieb. 31 Iżda dawn inkitbu sabiex
intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u biex
bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu.

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu